MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 440/2005

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Dominic Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' hames t’elef u sitta u sebghin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmi (Lm5,076.53) l-ammont dovut mill-konvenut wara self kif miftiehem fi skrittura privata datat 29 ta' Mejju 2001 (Dok A).
Illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut il-konvenut ma hallasx.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jippresenta ma' din ic-citazzjoni affidavit

guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok B)

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici tablet li il-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din ilQorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' Lm5,076.53 liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-16 ta' April 2004, 29 ta' Awissu 2003 u l-ittra ufficjali tal-6 ta' Lulju 2004 kontra l-konvenut li hu minn issa ngjunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.

Rat l-affidavit ta' Dr David Wain ghas-socjeta` attrici a fol 8 tal-process u d-dokumenti l-ohra.

Rat li Catherine Fenech ghas-socjeta` attrici iddikjarat bil-gurament li l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici ghadu sallum kollu dovut.

Rat li l-konvenut Dominic Zammit debitament notifikat fid-9 ta' Dicembru 2005, u fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Rat il-verbal tas-seduta tallum 7 ta' Marzu 2006.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici**, b'dan illi:

2. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' hames t'elef u sitta u sebghin Liri Maltin u

tlieta u hamsin centezmu (Lm5,076.53) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tal-16 ta' April 2004, 29 ta' Awissu 2003 u l-ittra ufficjali tal-6 ta' Lulju 2004 kontra l-konvenut. Bl-imghax legali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------